**BORD TMEXXIJA ĊENTRU PARROKKJALI**
**SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM**
**BIRKIRKARA**

*Commitment form* għall-użu ta' swali u/jew kmamar fiċ-Ċentru Parrokkjali għal attivitajiet soċjali, kulturali, filantropiċi

(anke jekk l-organizzatur huwa Għaqda, Moviment jew Grupp Reliġjuż ta' natura Pastorali)

______________________________ ______________________________

Isem l-Organizzatur[i] Isem tal-membru BTĊP

1) L-organizzatur jifhem li s-swali taċ-Ċentru Parrokkjali mhumiex għan-negozju u għalhekk huwa jiddikjara li qara d-dokument Linji Gwida – Użu taċ-Ċentru Parrokkjali, San Ġużepp Ħaddiem.

2) L-organizzatur jintrabat li jagħti donazzjoni ta' (aqta' skont l-każ):

   €250 għall-użu tas-Sala ta' isfel

   €175 għall-użu tas-Sala ta' fuq

   € 75 għall-użu tal-Media Room

   nhar ..........................................................................

   L-Organizzatur għandu jara li tinħariġlu rċevuta fuq *letterhead* tal-Parroċċa mill-membru tal-BTĊP hawn isfel iffirmat.

3) Din id-donazzjoni tkopri l-ispejjeż tat-tindif tal-partijiet komuni taċ-Ċentru u tal-istess sala, ħela ta' dawl, gass, manutenzjoni ġenerali u fil-każ tas-sala ta' fuq, spejjes rikorrenti tal-*lift*.

4) L-attivita' għandha tispiċċa, l-aktar tard fil-11 ta' bil-lejl (11 p.m.), pero' kull daqq għandu jispiċċa fil-11 neqsin kwart (10.45 p.m.).

5) L-Organizzatur għandu jara li jiġi rispettat l-ambjent u l-ġirien u għalhekk għandu jara li jekk tindaqq xi mużika jew isir xi kant, il-volum għandu jkun b'mod li jinstema' biss fis-sala li qed tintuża.

______________________________ ______________________________

Firma l-Organizzatur [ii] Firma membru BTĊP

[i] Trid issir kopja tal-ID card tal-Organizzatur li qed jikri s-sala u tiġi annessa ma' dan il-ftehim.

[ii] Fejn id-dokument ikun stampat fuq aktar minn paġna waħda, il-firem isiru fuq kull faċċata għajr fejn it-test ikun stampat fuq quddiem u fuq wara tal-istess paġna.

6) L-organizzatur għandu jara li:

   (i) M’għandux isir storbju qabel, waqt jew wara l-attivita` fit-triq b’mod li jdejjaq lill-ġirien;

   (ii) tinżamm l-indafa u ma ssirx ħsara u f’każ li bi żvista tiġi kkawżata xi ħsara, jew wieħed jinnota xi ħsara, jirraporta b’mod immedjat lill-Bord tat-Tmexxija tal-istess Ċentru (BTĊP);

   (iii) jekk il-Kappella tkun miftuħa, jinżamm is-skiet fil-kurritur prinċipali b’mod li ma jtellifx lil dawk li jkunu qegħdin jitolbu fil-Kappella tas-Sagrament;

   (iv) jiġu rispettati l-liġijiet tal-pajjiż, bħal fir-rigward ta’ tipjip, Saħħa u Sigurta’ eċċ.

7) Iċ-ċavetta/ċwievet meħtieġa jiġu konsenjati lill-membru tal-BTĊP hawn fuq delegat jew lil xi ħadd ieħor mill-membri tal-BTĊP. Iċ-ċavetta trid tiġi konsenjata lura immedjatament malli tispiċċa l-attivita`. F’każ li jkun hemm bżonn li l-organizzatur jidħol fis-sala l-għada tal-attivita` huwa jkun akkumpanjat minn membru tal-BTĊP u ma jistax iżomm iċ-ċavetta għandu ħlief tal-kamra/sala fejn ikunu merfugħa xi affarijiet (bħal *drinks*) li jista’ jkun fadal biex jinġabru l-għada.

8) La l-Kappillan u lanqas xi membru tal-BTĊP ma jista’ jinżamm responsabbli għal *drinks* jew materjal ieħor merfugħ matul il-lejl fiċ-Ċentru Parrokkjali, u dan isir a riskju tal-organizzatur.

9) Jiena nifhem li jekk nagħmel kopja ta’ dawn iċ-ċwievet jien inkun qiegħed nikser il-konfidenzjalita` u nqiegħed proprjeta` privata f’riskju, u għalhekk nifhem li jekk nagħmel kopja nista’ nesponi ruħi għal rapport mal-Pulizija.

10) Hu fl-interess tal-istess organizzatur li jeżamina s-sala kemm qabel tibda l-attivita`, kif ukoll wara li tispiċċa l-attivita` fil-presenza ta’ membru tal-BTĊP.

11) Mal-*booking* titħallas parti mid-donazzjoni (€50) liema somma ma titħallasx lura jekk l-attivita` titħassar, imma, jekk l-istess attivita` ssir fi żmien 12-il xahar, dment li tinżamm l-irċevuta, allura d-depożitu ta’ €50 ma jerġax isir mat-tieni *booking*.

12) L-Organizzatur jifhem li ser jidħol responsabbli biex jara li dawn il-kundizzjonijiet jiġu osservati. Jifhem ukoll illi jekk isir xi rapport lill-Pulizija bħal, pereżempju, dwar storbju, l-Organizzatur ikun responsabbli hu f’dan ir-rigward u mhux il-Kappillan/membru mill-BTĊP. Hekk ukoll jekk ikun hemm xi danni dovuti lil terżi, r-responsabbilta` hija biss tal-organizzatur tal-attivita` u mhux tal-Kappillan jew membru tal-BTĊP.

_________________________ _________________________

Firma l-Organizzatur | Firma membru BTĊP